MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 1164/2000/1

**Gayle Scerri**

**vs**

**Eric Borg u b'digriet tal-25 ta' Ottubru, 2001, giet kjamata fil-kawza Rita Borg**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Gunju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attrici fl-4 ta' Awissu, 2000, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm855.85)

rapprezentanti din is-somma arretrati ta’ paga, bonuses u overtime dovuti lilha.

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Primarjament, l-avviz tal-attrici huwa null stante illi l-mara tal-konvenut ma hijiex parti min dawna l-proceduri u l-hanut fejn kienet tahdem l-attrici huwa proprjeta’ tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Borg.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda u dana peress illi l-konvenut hallas dak kollu li l-attrici kellha tithallas skond il-ligi.

3. Dan l-incident gia gie trattat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u b’mod aktar preciz fis-seduta tal-“Labour & Emigration” fejn fis-seduta tat-28 ta’ Frar, 2000, l-eccipjent gie lliberat minn l-akkuzi dedotti kontra tieghu, liema akkuzi kienu jirriflettu l-istess mertu ta’ dan l-avviz.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Ottubru, 2001, fejn il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawza ta’ mart il-konvenut, Rita Borg;

Rat illi dina zammet ferm l-istess eccezzjonijiet illi pprezenta l-konvenut Eric Borg;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi bil-kjamata fil-kawza ta' Rita Borg, l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut giet sanata u ma hemmx aktar x'jinghad dwarha.

Il-Qorti pero' ma tistax ma tikkumentax dwar l-ecezzjoni ta' preskrizzjoni imqajjma mill-konvenuti fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom, liema nota giet ipprezentata fis-16 ta' April, 2002.

Kif tajjeb osserva l-avukat ta' l-attrici, eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax titqajjem f'Nota ta' Osservazzjonijiet, izda ghandha ssir b'mod formali taht forma ta' Nota ta' Eccezzjonijiet.

Din ghandha tkun debitament awtorizzata bhala Nota ta' Eccezzjonijiet Ulterjuri la kienet imqajma fil-mori tal-kawza. Din l-awtorizazzjoni hija nieqsa, peress illi l-konvenuti minkejja li ghandhom id-dritt iqajjmu din l-eccezzjoni anki fi stadju ta' l-appell, xorta jridu l-awtorizazzjoni tal-Qorti biex jaghmlu dan. Din l-awtorizazzjoni ma ntalbitx u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu inizjattivi f'materja ta' preskrizzjoni u taccetta din in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet bhala Nota ta' Eccezzjonijiet.

Il-Qrati taghna kellhom okkazjoni jiddeskrivu eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni bhala ta' materja odjuza. Fil-fatt fil-kawza <u>Cali vs Galea</u> (Vol. XL P 1 p. 166) intqal illi, "Ghax xort'ohra l-Qorti tkun qeghda tissupplixxi ghal parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva…"

Ghalhekk il-Qorti ma tistax tikkonsidra din l-eccezzjoni mqajjma mill-konvenuti fil-forma illi nghatat u tghaddi minnufih biex tikkunsidra l-mertu.

Irrizulta mill-provi illi l-attrici bdiet xoghol mall-konvenuti fil-hanut taghhom "Shop Inn" fit-23 ta' Settembru, 1998, u spiccat fit-3 ta' Marzu, 1999. Kienet impjegata bhala kaxxiera u tahdem mit-Tnejn sal Gimgha mis-sitta ta' filghodu (6:00) san-nofs siegha (12:30) u mill-erbgha ta' wara nofs inhar (16:00) sas-sebgha ta' filghaxija (19:00). Nhar ta' Sibt kienet tahdem mis-sitta ta' filghodu (6:00)

san-nofs siegha ta' wara nofs inhar (12:30), u kienet tiehu l-Erbgha wara nofs inhar *off*.

Il-paga kienet ta' sittin lira Maltin (Lm60.00) netti fil-gimgha u kellha *overtime* jekk tahdem aktar minn erbghin (40) siegha fil-gimgha. L-*overtime* kellu jinhadem bis-siegha siegha u nofs.

Irrizulta wkoll illi l-attrici qatt ma hadet dan in-nofs ta' nhar *off* nhar ta' Erbgha kemm damet fl-impjieg mall-konvenuti. Kellha titlaq wara argument illi nqala' bejnithom fuq gurnata *leave*.

Meta l-konvenuti hadmu l-ahhar paga li kellha tkun imhallsa lill-attrici, naqqsu l-bolol kollha ta' sitt xhur. Dawna waslu ghac-cifra ta' mija u tmintax-il lira Maltin u sittin centezmu (Lm118.60). Irrizulta wkoll illi l-attrici hadmet erbatax-il (14) siegha *overtime*.

Xehed f'din il-kawza Ivan Spiteri Lucas a Fol 75, fejn huwa hadem l-ammonti dovuti lill-attrici abbazi tas-sieghat illi hadmet. Dana jwassal ghal cifra ta' tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm858.85). Dana huwa spjegat ukoll mid-Dok G1 a Fol 84.

Qamet kontroversja bejn il-partijiet dwar il-paga illi kellha tithallas. Ghad illi t-tnejn isemmu c-cifra ta' sittin lira Maltin (Lm60.00) fil-gimgha, l-attrici tghid illi dawna kellhom ikunu netti, waqt illi l-konvenuti jghidu illi dawna kellhom jinkludu wkoll il-bolla. Pero' mistoqsi l-ghaliex din il-bolla ma kinitx qed tigi mnaqqsa kull gimgha mall-paga moghtija lill-attrici, l-konvenut Eric Borg ma kienx jaf jirrispondi. Qal biss illi forsi kien hemm xi nuqqasijiet.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ssibha ferm stramba kif il-konvenuti qatt ma naqqsu l-bolla mill-paga dovuta lill-attrici meta skond huma din il-paga kellha jkollha l-bolla mnaqqsa. Il-Qorti ma tahsibx illi kien xi att ta' generozita' da parti tal-konvenuti illi din il-bolla ma kinitx qed tigi mnaqqsa.

Ghalhekk, Il-Qorti hija propensa illi temmen il-verzjoni ta' l-attrici meta tghid illi l-paga taghha kellha tkun ta' sittin lira Maltin (Lm60.00) fil-gimgha netti u il-bolla ta' l-impjegat kellha tithallas mill-konvenuti.

Il-konvenut jammetti illi ghandu jaghti lill-attrici s-somma mitejn u hamsa u tletin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm235.97). Dana fuq cifri illi hadem huwa stess illi skond huwa kienu *available* ghalih fil-mori ta' din il-kawza. Ta spjegazzjoni verament puerili l-ghala ma kellux dawn id-dokumenti meta kien qieghed fi trattattivi mad-Department of Labour and Emigration dwar din il-vertenza illi kien hemm bejnu u bejn l-attrici.

Dana jkompli jitfa' aktar piz fuq ix-xhieda migjuba mill-attrici illi l-Qorti jidhrilha illi huma provi qawwija bizzejjed u jlahhqu dak il-grad ta' prova rikjesta mill-Ligi ghall-ezitu favorevoli.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici u tikkundanna lill-konvenut u lill-kjamata fil-kawza illi jhallsuha s-somma ta' tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm855.85) rapprezentanti arretrati ta' paga, bonuses u *overtime* dovuta lill-attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut u l-kjamata fil-kawza."

Il-konvenut u l-kjamata in kawza martu appellaw minn din is-sentenza b'dawn l-aggravji:-

(i) Fil-konfront tal-kjamata in kawza l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (d) u Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili. B'verbal tas-7 ta' Lulju 2003 gie ribadit mill-appellanti illi l-Qorti ghandha tikkonsidra ghal kaz il-portata ta' l-Artikolu 2148 (d) u dan minghajr distinzjoni bejn iz-zewg appellanti.

(ii) Fil-meritu, purament wiehed ta' kredibilita`, l-ewwel Qorti zbaljat meta addebitat wisq piz lix-xhud rapprezentant tal-Labour Office meta hi stess kellha diffikolta` lil min fost il-kontendenti ser takkorda l-akbar affidabilita`.

Mill-ezami tal-atti jirrizulta illi l-preskrizzjonijiet specifici eccepiti qed jitqajmu issa fl-istadju ta' l-appell billi quddiem l-ewwel Qorti l-kjamata in kawza kienet issollevat preskrizzjoni ohra (Art 2147 (c)) f'Nota ta' l-Osservazzjonijiet li l-ewwel Qorti skartat ghall-motivi procedurali. Anke jekk din il-Qorti ma tikkonkordax ghal kollox mal-fehma ta' l-ewwel Qorti fuq il-materja u dan in bazi ghal dak li jinghad fl-Artikolu 731 Kap 12 u l-enuncjazzjoni a Vol XLI pI p48, din il-Qorti ma tistax, lanqas jekk trid, tokkupa ruhha mid-dispost ta' l-Artikolu 2147 (c) tal-Kodici Civili, billi din ma regghetx giet sollevata fl-ebda aggravju u inoltre l-Qorti ma tistax tissupplixxi ghan-nuqqas tal-parti (**Vol XLI pI p178**).

Issa ma jidherx li jista' jkun dubitat illi eccezzjoni ta' preskrizzjoni tista' titqajjem anke fi stadju ta' l-appell. In kwantu eccezzjoni perentorja fuq il-meritu japplika ghaliha d-dispost tal-Artikolu 732 (1) tal-Kap 12 li jipprovdu li "eccezzjonijiet perentorji jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fil-grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti ta' l-ewwel grad". B'mod aktar preciz "l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza, mqar fl-appell" (Art 2112 tal-Kodici Civili). "Infatti qatt ma gie ddubitat jekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni anki bl-emendi ghall-Kodici ta' Procedura tistax tigi sollevata fi stadju ta' l-appell salv dejjem il-kwestjonijiet rigwardanti l-kap ta' l-ispejjez" – "**Paul Balzan nomine –vs- John A. Scicluna nomine**", Appell, 3 ta' Dicembru 1999.

Dan premess, il-Qorti trid issa tara jekk il-preskrizzjonijiet eccepiti japplikawx ghar-rapport guridiku 'de quo'.

Skond l-Artikolu 2148 (d), fin-nuqqas ta' interruzzjoni taghha, l-preskrizzjoni tikkolpixxi "l-azzjonijiet ta' dawk imhallsin bis-sena, ghall-hlas tas-salarju taghhom".

Jirrizulta mill-provi illi l-attrici kienet tithallas bil-gimgha. Dan kif sahansitra mistqarr mill-istess appellanti Eric Borg: "Il-hlas kien ta' sittin lira (Lm60) fil-gimgha … …" (fol 44). Jekk dan kien hekk il-Qorti ma tarax kif jiccentra l-Artikolu 2148 (d), li expressis jabbina l-hlas tas-salarju hemm prospettat ghall-kaz biss ta' dawk imhallsa "bis-sena". Tutt'al piu` ghal kaz partikolari japplika dispost iehor tal-ligi in materja ta' preskrizzjoni li hawnhekk kif fuq intqal ma regghax gie sollevat. U allura kif jiddisponi l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili "il-qorti ma tistax "ex officio" taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata" - Ara **Vol XXXIII pI p481**; **Vol XL pI p170** u "**Joseph Grech –vs- Emanuele Camilleri et**", Appell, 21 ta' Marzu 1977, fost bosta ohrajn.

Il-Qorti, imbaghad, ma tarax f'hiex jiccentra ghall-kaz in ezami l-Artikolu 2149 (a) tal-Kap 16. Dan l-artikolu jitratta minn azzjonijiet ta' bennejja ta' opri tal-bahar u ta' kuntratturi ghall-hlas tal-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu. Ma jidherx li l-attrici, semplici impjegata fl-istabbiliment tal-appellanti, tista' titqies il-wahda jew l-ohra mill-persuni li ghalihom hi kontemplata d-disposizzjoni tal-ligi u l-preskrizzjoni bjennali fiha prospettata.

L-ewwel aggravju hekk bazat fuq ix-xorta tal-preskrizzjonijiet vantati mill-appellanti ma jimmerita l-ebda akkoljiment u qed jigi michud.

Kwantu ghall-meritu din il-Qorti assolutament ma ssib xejn x'ticcensura fl-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-provi.

Qabel xejn din il-Qorti titlaq mill-premessa illi l-ligi in materja regolanti r-rapport bejn principal u impjegat hi koncernata mill-protezzjoni tal-haddiem. Inter alia, li jigi mhares id-dritt illi l-impjegat jircievi l-hlas dovut ta' xoghlu. Dan hu daqstant evidenti mill-Att recenti XXII ta' l-2002 (Kap 452) u, maggorment, fl-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg (Kap 135) minn ezami tad-disposizzjonijiet varji tieghu.

Dan stabbilit, il-Qorti, bl-oppost ta’ dak allegat mill-appellanti,ssib li l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda esitazzjoni li takkorda affidabilita` lill-verzjoni tal-attrici appellata bhala l-aktar wahda konsistenti, u fuq kollox, verosimili fir-raffront max-xiehda tal-appellanti. Hi hasset, u bir-ragun, illi dik l-istess versjoni, fid-dawl tas-soliti kriterji ta’ kredibilita`, kienet sufficcjenti ghall-konvinciment taghha biex teskludi dik tal-appellanti.

F’materji ta’ din ix-xorta, trattandosi ta’ kredibilita`, l-kwestjoni l-izjed sostanzjali hi jekk gudikant ghandux jemmen naha jew ohra. F’dan il-kaz l-ewwel Qorti li kellha hi stess l-opportunita` li tezamina lill-appellanti fil-pedana tax-xhieda ma accettatx il-versjoni tal-appellanti bhala verosimili. Certament il-Qorti adita innotat in-nuqqas ta’ koerenza bejn dak eccepit mill-konvenut bid-difiza illi hu hallas dak kollu dovut lill-attrici skond il-ligi u dak minnu mistqarr aktar tard bir-rikonoxximent ta’ parti mis-somma pretiza. Anke hawn irid jigi rilevat illi ghallanqas sal-ammont minnu accettat hu gie li rrinunzja ghall-preskrizzjoni talvolta akkwistata (**Vol XLIII pII p684**).

Ghamlet sew ghalhekk l-ewwel Qorti anke fejn ma akkoljietx l-ispjegazzjoni fornita mill-appellant billi fil-verita` din ma tistax hlief titqies bhala wahda powerili, insodisfacenti u mhux plawsibbli, specjalment mehud rigward tal-fatt illi gja minn qabel il-kawza huwa kien fi trattattivi mad-Dipartiment tax-Xoghol fuq il-materja.

Fuq il-bazi ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet u dawk l-ohra ragjonati mill-ewwel Qorti l-aggravji fil-meritu ma jistax jircievi favur.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad ghal kollox l-appell interpost u b’hekk tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom bhal dawk ta’ l-ewwel stadju jigu sopportati interament mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------